**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 485/2017**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Warren Zammit**

Illum, 08 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Warren Zammit detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 379495(M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Lulju, 2015, ghall-habta ta' 21.05hrs fi Triq l-Imdina, Zebbug waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAE 451;

1. B' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura nru. HBC 002 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Richard Zammit;
2. U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richard Zammit skond kif iccertifika Dr. Jeffrey Bonnici M. D mill-M. D. H (Reg 3214)
3. Saq l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata u bla kont
4. Talli saq b' velocita akttar milli messu

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Novembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 328 u 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati hati biss tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u kkundannatu multa ta' hames mitt ewro (€500), filwaqt li lliberatu mit-tielet (3) u r-raba (4) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Warren Zammit, pprezentat fil-21 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Qorti TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentement TILLIBERAH minnhom u TIKKONFERMA s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet u r-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu; alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji imressqa mill-appellant li jikkonsistu fis-segwenti:

> A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Fatti fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-Ewwel u t-Tieni Imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu
>
> B. Il-piena Erogata hija eccessiva tenut kont tal-fedina penali nadifa tal-appellant kif ukoll l-fatt illi anke l-parti leza ikkontribwiet b'mod sostanzjali ghal kif gara l-incident u sahansitra kien il-kagun ghala sar l-incident de quo.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet il-provi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-uniku kritika li l-appellant iressaq fil-konfront tas-sentenza appellata hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti meta din sabitu hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba kontra tieghu, u cioe' meta wasslet ghal konkluzjoni illi huwa kien unikament responsabbli ghas sinistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri fejn sefa imwegga' l-parti leza Richard Zammit.

Illi spiss kellha okkazzjoni din il-Qorti tirribadixxi illi fi stadju ta' revizjoni mhijiex is-setgha taghha li taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi, billi dan huwa mholli unikament f'idejn l-Ewwel Qorti u huwa biss meta din il-Qorti ta' revizjoni tqies illi dak l-apprezzament kien wiehed erronju kemm fuq bazi fattwali kif ukoll fuq bazi legali, illi allura tigi skossa dik id-diskrezzjoni ezercitata fl-ewwel istanza[1].

Illi għalhekk ghal dan il-ghan il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u semghet lil parti leza u lil PS 103 Tom Joe Farrugia jixhdu mill-gdid quddiemha, billi ghal xi raguni x-xiehda minnu moghtija quddiem l-Ewwel Qorti ma kenitx giet rregistrata. Minn dawn l-atti probatorji jemergi illi nhar is-26 ta' Lulju 2015 għall-ħabta tad-21:05hrs, il-pulizija tal-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ ġew infurmati illi fis-*service road* li tinsab fi Triq l-Imdina ħdejn hanut li kien hemm dak iz-zmien bl-isem 'Gilda', kien seħħ aċċident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni LAE451 u l-mutur Harley Davidson bin-numru ta' reġistrazzjoni HDC002 fejn is-sewwieq tal-mutur, certu Richard Zammit, kien safa ferut. Il-pulizija marru fuq il-post fejn hemm sabu lil Richard Zammit li kien qed

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

jircevi l-ewwel kura fejn stqarr illi l-impatt kien sehh meta hareg mil-ġenb tat-triq bil-mutur u f'daqqa waħda sema' ħoss ta' brejk qawwi u gie milqut minn vettura u spicca mitfugh mal-art. Riekba fuq il-mutur flimkien ma' Zammit kien hemm Sally Zammit li tat l-istess verżjoni tal-fatti. Fuq il-post il-pulizija tkellmu wkoll ma' certu Sergio Muscat u Caroline Parnis li kienu riekba fuq mutur ieħor li kien qed jinsaq eżatt wara dak ta' Zammit. Dawn kienu ħerġin bil-mod warajh u hekk kif xegħelu l-*indicator* biex joħorġu, osservaw illi l-mutur ta' Zammit li kien lahaq hareg qabilhom gie milqut minn vettura u spiċċa mitfugh mal-art.

Il-pulizija tkellmu ukoll mal-appellant Warren Zammit li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAE451 fejn huwa kkonferma li kien għaddej mis-*service road* in kwistjoni, meta mutur ħariġlu f'daqqa, ħasdu u għafas il-brejk minnufih, madanakollu l-vettura baqghet titkaxkar u ħabat mal-mutur. Il-pulizija nnutaw ukoll li kien hemm tul ta' 14-il metru *break marks*.

Richard Zammit ittieħed l-isptar u ġie ċċertifikat li qed isofri minn ġrieħi gravi. Sussegwentement Warren Zammit gie interrogat mill-pulizija u rrilaxxja stqarrija fejn sostna illi ma jiftakarx b'kemm veloċita' kien qed isuq allavolja ma kienx qed isuq b'xi speed elevat iżda jikkonferma li kien inħasad u għafas il-break hekk kif ra l-mutur hiereg fejn il-vettura kompliet titkaxkar.

Ikkunsidrat:

Illi in suċċint l-appellant qiegħed jisħaq illi hu ma setax jinstab ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan ghaliex l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti li wasluha għall-konklużjonijiet errati tagħha. Jishaq illi d-decizjoni hija wahda kontradittorja u dan meta l-Ewwel Qorti illiberatu mill-akkużi marbuta mas-sewqan traskurat u negliġenti iżda mbagħad sabitu ħati tad-delitt kolpuz u cioe' talli b'negliġenza jew nuqqas ta' kont ikkaġuna is-sinistru stradali mertu ta' dan il-kaz. Jikkontendi illi anke minn ezami tal-hsarat riskontrati kemm fil-mutur kif ukoll fil-vettura, kellu jirrizulta illi l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti leza ma kellhiex mis-sewwa billi n-natura taghhom hija aktar kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti minnu moghtija. Illi sussidjarjament imbaghad

jinsisti fuq ir-responsabbilta kontributorja ta' Richard Zammit illi ħareġ minn wara xi vannijiet, li jikkontendi li kienu pparkeggjati mal-ġenb tat-triq, b'mod inaspettat u dan minghajr ma ħa l-kura meħtieġa u l-attenzjoni rikjesta kif imghallem fir-regolamenti ta' traffiku.

Issa minn qari tad-decizjoni appellata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti strahet fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti leza Richard Zammit u sħabu li kienu miegħu u li kienu xhieda okulari tas-sinistru. Dan ghaliex fil-fehma taghha x-xhieda tal-prosekuzzjoni kollha kemm huma kkorroboraw lil xulxin fil-verzjoni minnhom moghtija tal-fatti.

Illi bejn dawn iz-zewg verzjonijiet jezisti kunflitt dwar jekk il-parti leza kienx lahaq iddritta fit-trajettorja tieghu wara li hareg mill-post fejn kien stazzjonarju flimkien ma' shabu l-ohra, jew inkella jekk kif jikkontendi l-appellant dan hareg b'mod inaspettat minn wara xi vannijiet li kienu ipparkeggjati vicin tieghu biex b'hekk holoq dik l-emergenza subitanea li allura kellha tezentah minn kull responsabbilta' penali dan ghaliex tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi s-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. Principju li fuqu huwa imsejjes it-trepod tal-*culpa* u cioe' il-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja, li l-ligi ma tesigix, u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hijiex inkriminabbli, ma hemmx htija.

L-Antolisei, izid ma' din it-tejorija tal-prevedibbilita' ta'l-azzjoni migjuba 'il quddiem mill-Carrara u adottata mill-Professur sir Anthony Mamo, meta jqies illi tirrizulta il-*culpa* kull meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

> **"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."**

Awturi oħra bħal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tinkwadra ruħha f'erba elementi:

1. **un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;**
2. **un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;**
3. **l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso[2].**

Dak illi għandu jiġi determinat kwindi huwa jekk l-event kienx wieħed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant għalhekk illi l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat anke jekk bl-eżerċizzju għoli ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imġieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bħal din ċertament teskludi kull forma ta' negliġenza, imprudenza, traskuraġini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt allura għandu jiġi determinat jekk s-sewqan prudenti li jsegwi r-regoli tal-komportament mistennija fit-triq kellux iwassal lill-appellant sabiex jinduna bil-preżenza tal-mutur li sab ruħu quddiemu jew inkella jekk l-aġir tal-parti leża wassalx sabiex joħloq emerġenza fit-triq tant illi l-appellant la seta' jipprevedi li dan ser jitfaċċja fit-tajettorja tiegħu u wisq anqas allura seta b'xi azzjoni evasiva tempestiva jipprevjeni l-kollizzjoni.

Issa x-xhieda tal-prosekuzzjoni kollha kemm huma, inkluż allura l-parti leża isostnu illi l-mutur kien diġa' qabad it-trajettorja tiegħu fid-dritt u cioe' kien diga' laħaq ħareġ mill-post fejn kien stazzjonarju ftit tal-ħin qabel meta nstemgħu il-brejkijiet ġejjien mill-vettura misjuqa mill-appellant u seħħ l-impatt. In oltre kollha kemm huma jikkonfermaw ukoll illi Richard Zammit ma qabadx u ħareġ b'mod avventat mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa u mingħajr ma ħa qies tat-traffiku li seta' kien ġej. Il-provi jindikaw illi dan ħares darbtejn fid-direzzjoni minn fejn eventwalment tfaċċa l-appellant bil-vettura tiegħu.

---

[2] http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

Illi lanqas hemm qbil bejn il-ko-litigandi dwar il-presenza tal-vannijiet li allegatament kienu ipparrkeggjata vicin il-post fejn sehh l-impatt, bix-xhieda tal-prosekuzzjoni jikkonfermaw il-presenza ta' vann zghir, izda mhux ukoll tal-vann il-kbir li jidher fir-ritratti migbuda mill-appellant wara li kienet sehhet il-kollizzjoni. Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha takkolji t-teżi illi ż-żewġ vannijiet kienu preżenti f'dak il-waqt, xorta waħda x-xhieda kollha jinsistu illi Zammit ħareġ b'attenzjoni minn fejn kien wieqaf u li l-viżwali tiegħu tat-triq u allura tat-traffiku li kien qed jinsaq fis-*service road* ma kenitx ostakolata. Mhux biss izda l-appellant x'aktarx kien qed isuq b'velocita elevata ghal dik it-trejqa, u cioe' ghal *service road,* tant illi huwa ma setax iwaqqaf tempestivament meta il-mutur hareg minn fejn kien ipparkeggjata u telaq ghal triqtu. Ta' dan hemm evidenza il-*break marks* ta' erbatax-il metru li jindikaw illi l-appellant kien lahaq induna bil-presenza tal-mutur ferm qabel fil-fatt ma sehh l-impatt. Fil-fatt skont ir-regolament 281 tal-Highway Code jirrizulta illi l-"*overall stopping distance*" kien ta' 23 metru (tul ta' sitt vetturi), bil-velocita' tieghu tkun *de minimis* dik ta' 50 kilometru fis-siegha li ghal *service road* f'post abitat hija velocita' li teccedi l-limitu stabbilit fil-ligi.

Illi finalment anke l-ħsarat riskontrati fil-vettura u l-mutur jikkonfortaw it-tezi tal-parti leza u mhux tal-appellant, u dan billi l-vettura misjuqa mill-appellant sofriet ħsarat fuq in-naħa ta' quddiem tal-passiġġier, filwaqt illi dawk fil-mutur jinsabu fil-ġenb tieghu kif ukoll fuq in-naha ta' wara. Dan ifisser illi l-mutur kien lahaq iddritta meta gie milqut ghaliex altrimenti li kieku intlaqat kif jikkontendi l-appellant, l-hsarat kienu jirrizultaw fil-genb tieghu u mhux fuq wara. Fil-fatt mix-xiehda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-appellant laqat il-mutur fuq wara fejn mal-impatt dan waqa' mal-art fuq naħa waħda u tkaxkar ghal xi metri. Mill-banda l-oħra l-vettura tal-appellant xaqilbet lejn il-lemin biex l-impatt jigi evitat li allura jispjega kif ir-rizultanti ħsarat kienu fuq in-naħa tal-passiġier fil-parti ta' quddiem tal-vettura in kwistjoni. Fuq kollox il-ħsarat li kellu l-mutur instabu fuq in-naħa tax-xellug tieghu u mhux fuq in-naha fejn skont l-appellant sehh l-impatt u cioe' man-naha tal-lemin.

Illi stabbilit kwindi li l-apprezzament tal-fatti probatorji kif maghmul fis-sentenza appellata kien wiehed legalment u fattwalment korrett, din il-Qorti tistqarr illi tinsab perplessa kif allura l-Ewwel Qorti setghet issib htija ghar-reat mahsub fl-artikolu 226

tal-Kodici Kriminali izda ghaddiet biex illiberat lill-appellant mill-akkuzi imsejsa fuq l-infrazzjoni tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-ezami ta' dritt in materja, kif inghad, it-trepod tal-*culpa* jistrieh fuq in-negligenza, u in-non kuranza tar-regoli tal-komportament, agir allura li necessarjament jissarraf f'sewqan negligenti u traskurat. Dan ghaliex fuq kollox l-appellant kellu jeżerċita '*standard of care*' ferm ogħla minn dak tal-mutur peress illi hu kien qed isuq f'*service road*, mahluqa appozitament biex taghti servizz minghajr periklu lir-residenti u utenti ohra tal-lokalita' li tkun tinsab fuq *main thoroughfare* u li allura necessarjament tohloq sitwazzjonijiet fejn vetturi u/jew *pedestrians* jistghu johorgu minn *side roads*, garaxxijiet u djar fost ohrajn fejn allura s-sewqan irid jkun wiehed aktar prudenti. Dan ma sehhx fil-kaz tal-appellant u dan meta kien qed isuq b'velocita elevata ghal lokalita' fejn sehh l-incident tant illi skont ir-regolamenti tal-Highway Code, certament induna bil-presenza tal-mutur zgur sitt vetturi lura minn fejn dan hareg ghal got-triq, distanza li fiha huwa seta' waqqaf li kieku kien aktar prudenti fis-sewqan tieghu.

Illi maghdud dan allura billi ma hemmx appell minn naha tal-Avukat Generali, din il-Qorti hija prekluza milli tissindika d-decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti meta din illiberat lill-appellant mit-tielet u r-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. B'daqshekk madanakollu, kuntrarjament ghal dak li jahseb l-appellant, dan ma iwassalx sabiex jezonerah mill-htija ghall-ewwel u t-tieni akkuzi li jitkellmu dwar ir-reat tal-offiza u hsara involontarja li huma distinti mir-reati mahsuba fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw l-infrazzjonijiet tat-traffiku. Kwindi l-aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-mertu tal-kaz qed jigi rigettat.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam interpost sussidjarjament mill-appellant li jikkoncerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex fil-fehma tieghu din kellha ukoll tiehu in konsiderazzjoni in-negliġenza kontributorja tal-vittma ghal dan is-sinistru. Issa gie stabbilit illi l-*causa prossima* tal-incident kien unikament l-agir tal-appellant li ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu. Dan ifisser illi l-ebda temperament ma jista' jkun hemm fil-kalibrazzjoni tal-piena minhabba xi negligenza ukoll da parti tal-parti leza, li minn ezami tal-fatti ma tirrizultax. Illi huwa indubitat illi l-piena erogata hija

wahda fil-minimu taghha u anzi din il-Qorti tqies illi din kienet wahda miti u tqarreb lejn il-minimu. B'hekk anki dan l-aggravju dwar il-piena qed jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur